



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 3 ta' Marzu 2021
(OR. en)

Fajl Interistituzzjonali:
2018/0331(COD)

14308/20
ADD 1

CT 122
ENFOPOL 355
COTER 121
JAI 1135
CYBER 285
TELECOM 281
FREMP 149
AUDIO 70
DROIPEN 127
CODEC 1412

ABBOZZ TA' DIKJARAZZJONI TAR-RAĠUNIJIET TAL-KUNSILL

Suġġett: Pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari bil-ħsieb tal-adozzjoni ta' **REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL** dwar l-indirizzar tad-disseminazzjoni ta' kontenut terroristiku online
- Abbozz ta' Dikjarazzjoni tar-raġunijiet tal-Kunsill

I. INTRODUZZJONI

1. Fit-12 ta' Settembru 2018, il-Kummissjoni ppreżentat il-proposta¹ msemija hawn fuq għal Regolament dwar il-prevenzjoni tad-disseminazzjoni ta' kontenut terroristiku online lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew. Il-bażi ġuridika hija l-Artikolu 114 [Approssimazzjoni tal-liġijiet] tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u l-proposta hija soġġetta għall-proċedura leġislattiva ordinarja.
2. Il-Komitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew (KESE) ġie kkonsultat mill-Kunsill permezz ta' ittra tal-24 ta' Ottubru 2018 u ta l-opinjoni tiegħu dwar il-proposta fit-12 ta' Diċembru 2018² matul is-sessjoni plenarja tiegħu ta' Diċembru.
3. Fis-6 ta' Diċembru 2018, il-Kunsill qabel dwar approċċ ġenerali³ dwar il-kontenut terroristiku online (TCO) li kkostitwixxa l-mandat għan-negozjati mal-Parlament Ewropew fil-kuntest tal-proċedura leġislattiva ordinarja.
4. Fit-12 ta' Frar 2019, il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data baġhat "kummenti formali" dwar l-abbozz ta' Regolament lill-Parlament Ewropew, lill-Kummissjoni u lill-Kunsill⁴. Fl-istess jum, l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali, wara talba mill-Parlament Ewropew tas-6 ta' Frar 2019, ħarġet opinjoni dwar il-proposta⁵.
5. Fis-17 ta' April 2019, il-Parlament Ewropew adotta pożizzjoni fl-ewwel qari⁶ dwar il-proposta tal-Kummissjoni, b'155 emenda għall-proposta tal-Kummissjoni, bi 308 voti favur, 204 voti kontra u 70 astensjoni.

¹ 12129/18 + ADD 1-3.

² ĠU C 110, 22.3.2019, p. 67 (15729/19).

³ 15336/18.

⁴ Ref. 2018-0822 D2545 (WK 9232/2019).

⁵ Opinjoni tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali - 2/2019 (WK 9235/2019).

⁶ Ara 8663/19 (Nota ta' informazzjoni mill-GIP2 (Relazzjonijiet Interistituzzjonali) lill-COREPER li tippreżenta l-eżitu tal-ewwel qari tal-Parlament Ewropew); il-mandat tal-Parlament ġie kkonfermat mill-plenarja tal-10-11 ta' Ottubru 2019.

6. Il-Kunsill u l-Parlament Ewropew daħlu f'negozjati f'Ottubru 2019 bil-ħsieb li jintlaħaq qbil bikri fit-tieni qari. In-negozjati ġew konklużi b'suċċess fl-10 ta' Diċembru 2020 bil-Parlament Ewropew u l-Kunsill jilħqu qbil proviżorju dwar test ta' kompromess.
7. Fis-16 ta' Diċembru 2020, il-COREPER II analizza u kkonferma b'mod proviżorju t-test ta' kompromess finali fid-dawl tal-qbil li ntlaħaq mal-Parlament Ewropew⁷.
8. Fil-11 ta' Jannar 2021, il-kompromess ġie approvat mill-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern (LIBE) tal-Parlament Ewropew. Fit-13 ta' Jannar, il-President tal-Kumitat LIBE indirizza ittra lill-President tal-COREPER II sabiex jinformah li, jekk il-Kunsill jibgħat formalment lill-Parlament Ewropew il-pożizzjoni tiegħu fil-forma ppreżentata fl-Anness għal dik l-ittra, huwa jirrakkomanda lill-Plenarja li l-pożizzjoni tal-Kunsill tiġi aċċettata mingħajr emenda, soġġett għal verifika legali lingwistika, fit-tieni qari tal-Parlament Ewropew⁸.

⁷ 12906/20.

⁸ 5634/21.

II. OBJETTIV

9. Ir-Regolament jipprevedi qafas legali ċar li jistabbilixxi r-responsabbiltajiet tal-Istati Membri u l-fornituri ta' servizzi ta' hosting bil-ħsieb li jiġi indirizzat l-użu ħażin tas-servizzi ta' hosting għad-disseminazzjoni ta' kontenut terroristiku online, li jiggarrantixxi l-funzjonament bla xkiel tas-Suq Uniku Diġitali, filwaqt li jiżgura l-fiduċja u s-sigurtà fl-ambjent online. B'mod partikolari, huwa jfittex li jipprovdi ċarezza rigward ir-responsabbiltà tal-fornituri ta' servizzi ta' hosting li jiżguraw is-sikurezza tas-servizzi tagħhom u biex l-aċċess għal kontenut terroristiku online jiġi indirizzat, identifikat u jitneħħa jew jiġi diżattivat malajr u b'mod effettiv. Huwa joħloq strument operattiv ġdid u effettiv għall-eliminazzjoni ta' kontenut terroristiku billi jippermetti l-ħruġ ta' ordnijiet ta' tneħħija, li jkollhom effett transfruntier. Barra minn hekk, l-għan huwa li jinżammu salvagwardji biex tiġi żgurata l-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali, inkluż il-libertà tal-espressjoni u tal-informazzjoni f'soċjetà miftuħa u demokratika u l-libertà ta' intrapriża. Ir-Regolament jipprevedi li l-kontenut terroristiku jitneħħa fi żmien massimu ta' siegħa minn meta tasal l-ordni ta' tneħħija, u jistabbilixxi r-responsabbiltajiet tal-pjattaformi online fl-iżgurar tat-tneħħija ta' tali kontenut. Minbarra l-possibbiltajiet ta' rimedju ġudizzjarju garantiti mid-dritt għal rimedju effettiv, ir-Regolament jintroduċi għadd ta' salvagwardji u mekkaniżmi ta' lmenti.
10. L-awtorità/awtoritajiet kompetenti ta' kull Stat Membru jistgħu joħorġu ordni ta' tneħħija lil kwalunkwe fornitur ta' servizzi ta' hosting li joffri servizzi fl-UE. L-awtorità/awtoritajiet kompetenti fl-Istat Membru fejn il-fornitur tas-servizz ikollu l-istabbiliment ewlieni tiegħu ser ikollhom id-dritt - u fuq it-talba motivata mill-fornituri ta' servizzi ta' hosting jew il-fornituri ta' kontenut, l-obbligu - ta' skrutinju tal-ordni ta' tneħħija jekk l-ordni ta' tneħħija titqies li tikser serjament jew manifestament ir-Regolament innifsu jew tikser id-drittijiet fundamentali kif minquxa fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea. L-Istati Membri għandhom jadottaw ir-regoli dwar il-pieni għall-ksur tal-obbligi, filwaqt li jqisu, fost affarijiet oħra, in-natura tagħhom u d-daqs tal-kumpannija inkwistjoni.

III. ANALIŻI TAL-POŻIZZJONI TAL-KUNSILL FL-EWWEL QARI

ĠENERALI

11. Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill wettqu negozjati bil-għan li jikkonkludu qbil fit-tieni qari abbażi ta' pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari li l-Parlament seta' japprova kif kienet. It-test tal-Pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari dwar ir-Regolament dwar il-prevenzjoni tad-disseminazzjoni ta' kontenut terroristiku online jirrifletti bis-sħiħ il-kompromess li ntlaħaq bejn iż-żewġ koleġiżlaturi, assistiti mill-Kummissjoni Ewropea.

SOMMARJU TAL-KWISTJONIJIET EWLENIN

12. Wara talba mill-Parlament Ewropew, it-titolu tar-Regolament inbidel għal "Regolament dwar l-indirizzar [...] tad-disseminazzjoni ta' kontenut terroristiku online".
13. Id-definizzjoni ta' "kontenut terroristiku" hija konsistenti mad-definizzjonijiet tar-reati rilevanti skont id-Direttiva dwar il-ġlieda kontra t-terroriżmu⁹. Rigward il-kamp ta' applikazzjoni, il-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari tkopri materjal imxerred lill-pubbliku, jiġifieri lil għadd potenzjalment illimitat ta' persuni. Materjal imxerred għal finijiet edukattivi, ġurnalistiċi, artistiċi jew ta' riċerka jew għal finijiet ta' sensibilizzazzjoni kontra attività terroristika ma għandux ikun ikkunsidrat bħala kontenut terroristiku. Dan jinkludi wkoll kontenut li jesprimi fehmiet polemiċi jew kontroversjali f'dibattitu pubbliku dwar kwistjonijiet politiċi sensittivi. Valutazzjoni għandha tiddetermina l-fini veru tad-disseminazzjoni. Ġie speċifikat ukoll li r-Regolament ma għandux ikollu l-effett li jimmodifika l-obbligu tar-rispett għad-drittijiet, il-libertajiet u l-prinċipji msemmija fl-Artikolu 6 TUE u għandu japplika mingħajr preġudizzju għall-prinċipji fundamentali relatati mal-libertà ta' espressjoni u ta' informazzjoni, inkluż il-libertà u l-pluraliżmu tal-media.

⁹ Direttiva (UE) 2017/541 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2017 dwar il-ġlieda kontra t-terroriżmu u li tissostitwixxi d-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2002/475/ĠAI u li temenda d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2005/671/ĠAI (ĠU L 88, 31.3.2017, p. 6).

14. Il-fornituri ta' servizzi ta' hosting għandhom jieħdu miżuri xierqa, raġonevoli u proporzjonati biex jindirizzaw b'mod effettiv l-użu ħażin tas-servizz tagħhom għad-disseminazzjoni ta' kontenut terroristiku online. Jekk il-fornituri ta' servizzi ta' hosting ikunu esposti għal kontenut terroristiku, huma għandhom jieħdu miżuri speċifiċi biex jipproteġu s-servizzi tagħhom kontra d-disseminazzjoni tiegħu. It-test li ntlaħaq qbil dwaru jgħaqqad tliet Artikoli - l-Artikolu 3 (Dmirijiet ta' kura), l-Artikolu 6 (Miżuri proattivi) u l-Artikolu 9 (Salvagwardji fir-rigward ta' miżuri proattivi) - f'wieħed dwar "Miżuri speċifiċi". L-għażla ta' daww il-miżuri hija f'idejn il-pjattaforma individwali/il-fornitur ta' servizzi ta' hosting. Il-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari tagħmilha ċara li l-fornitur ta' servizzi ta' hosting jista' juża miżuri differenti biex jindirizza d-disseminazzjoni ta' kontenut terroristiku, inkluż miżuri awtomatizzati, li jistgħu jiġu adattati għall-kapaċitajiet tal-fornitur ta' servizzi ta' hosting u n-natura tas-servizzi offruti. Meta l-awtorità kompetenti tqis li l-miżuri speċifiċi stabbiliti mhumiex suffiċjenti biex jindirizzaw ir-riskji, hija tkun tista' titlob l-adozzjoni ta' miżuri speċifiċi addizzjonali xierqa, effettivi u proporzjonati. Madankollu, ir-reqwiżit li jiġu implimentati miżuri speċifiċi addizzjonali bħal dawn ma għandux iwassal għal obbligu ġenerali ta' monitoraġġ jew ta' involviment f'tiftix attiv tal-fatti skont it-tifsira tal-Artikolu 15(1) tad-Direttiva 2000/31/KE¹⁰ jew għal obbligu li jintużaw għodod awtomatizzati. Sabiex tiġi żgurata t-trasparenza, il-fornituri ta' servizzi ta' hosting ser ikollhom jippubblikaw rapporti annwali ta' trasparenza dwar l-azzjoni meħuda kontra d-disseminazzjoni ta' kontenut terroristiku.
15. Ir-rwol tal-Istat Membru ospitanti fir-rigward ta' ordnijiet ta' tneħħija b'effetti transkonfinali ssaħħa, bl-introduzzjoni ta' proċedura ta' skrutinju: l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru fejn il-fornitur tas-servizzi ta' hosting għandu l-istabbiliment ewlieni tiegħu jew ir-rappreżentant legali tista', fuq inizjattiva tagħha stess, tiskrutinizza l-ordni ta' tneħħija maħruġa mill-awtoritajiet kompetenti minn Stat Membru ieħor sabiex tiddetermina jekk din tiksirx serjament jew manifestament ir-Regolament jew id-drittijiet fundamentali kif minqusa fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea. Fuq it-talba motivata ta' fornitur ta' servizzi ta' hosting jew fornitur ta' kontenut, l-Istat Membru ospitanti huwa obligat jiskrutinizza jekk ikun hemm ksur bħal dan.

¹⁰ Id-Direttiva 2000/31/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2000 dwar ċerti aspetti legali tas-servizzi minn soċjetà tal-informazzjoni, partikolarment il-kummerċ elettroniku, fis-Suq Intern ('Direttiva dwar il-kummerċ elettroniku') (ĠU L 178, 17.7.2000, p. 1).

16. Ħlief f'każijiet ta' emerġenza debitament ġustifikati, għandha tingħata notifika bil-quddiem ta' 12-il siegħa li tinkludi informazzjoni dwar il-proċeduri u l-iskadenzi applikabbli lil dawk il-fornituri ta' servizzi ta' hosting li ma jkunux irċewew preċedentement ordni ta' tneħħija mill-awtorità, b'mod partikolari bil-ħsieb li jittaffa l-piż fuq l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs).
17. L-Artikolu dwar ir-riferimenti, mekkaniżmu biex il-fornituri ta' servizzi ta' hosting ta' kontenut terroristiku jiġu mwissija għall-konsiderazzjoni volontarja tal-fornituri kontra t-termini u l-kondizzjonijiet ta' tagħhom stess, jitħassar, iżda jkun hemm premessa li tiċċara li r-riferimenti jibqgħu għad-dispożizzjoni tal-Istati Membri u tal-Europol.
18. Il-kontenut terroristiku li jkun tneħħa jew li l-aċċess għalih ikun ġie diżattivat bħala riżultat ta' ordnijiet ta' tneħħija jew ta' miżuri speċifiċi għandu jiġi ppreservat għal sitt xhur mit-tneħħija jew id-diżattivazzjoni, perijodu li jista' jittawwal jekk ikun meħtieġ u għat-tul ta' żmien li jkun meħtieġ b'rabta ma' rieżami.
19. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu r-regoli dwar il-pieni applikabbli għall-ksur mill-fornituri ta' servizzi ta' hosting. Il-pieni jistgħu jieħdu forom differenti inkluż twissijiet formali f'każ ta' ksur minuri jew pieni finanzjarji fir-rigward ta' ksur aktar serju. Il-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari tistabbilixxi liema tipi ta' ksur ikunu soġġetti għal penalitajiet u liema ċirkostanzi jkunu rilevanti għall-valutazzjoni tat-tip u l-livell ta' tali penalitajiet. Il-fornituri ta' servizzi ta' hosting jistgħu jiffaċċjaw sanzjonijiet sa 4 % tal-fatturat globali ta' tagħhom jekk jonqsu b'mod sistematiku jew persistenti milli jirrispettaw ir-regola ta' siegħa biex ineħħu jew jiddiżattivaw l-aċċess għal kontenut terroristiku.

IV. KONKLUŻJONI

20. Il-pożizzjoni tal-Kunsill tirrifletti kompletament il-kompromess li ntlaħaq fin-negozjati bejn il-Parlament Ewropew u l-Kunsill, u ffaċilitat mill-Kummissjoni. Dan il-kompromess huwa kkonfermat permezz tal-ittra mill-President tal-Kumitat tal-Affarijiet LIBE tal-Parlament Ewropew indirizzata lill-President tal-COREPER II, bid-data tat-13 ta' Jannar 2021.